minn Grajjiet il-Qala

# L-Istatwa tal-Kunċizzjoni taghlaq MITT SENA maghna

*minn Anton Buttigieg P.E.P.*

**Fl-1887 fir-raħal tagħna kien hawn attività parrokkjali kbira. Barra mill-ħidma tagħhom ta' kuljum missirijietna kienu mehdijin sewwa bix-xogħol tal-Parroċċa. Dun Franġisk Buttigieg mgħejjun ferm minn sieħbu Dun Pawl Mizzi kien imħabbat mhux ftit bil-bini tal-knisja ta' San Ġużepp mibdi fl-1882 u kien daħal sewwa fis-sitt sena.**

**Min-naħa tiegħu l-kappillan Diacono kien qiegħed jagħmel xogħlijiet ġodda fis-Santwarju.**

**Fl-1887 bena l-fruntispizju u żejjen aktar il-faċċata bil-bini ta' bieb ġdid kif narawh illum. Tella' wkoll il-kampnar fuq disinn tiegħu stess u għammru b'żewġ qniepen li xtara minn Malta bil-prezz ta' 912 il-skud. Ftit qabel kien xtara apparat ġdid għall-festa. Ta' min iżid hawn li l-kampnar tant għoġob lill-pittur Ganni Vella li daħħlu fil-kwadru tiegħu imsejjaħ "It-Tieġ".**





Ġanni Vella pinġa "It-Tieġ" fuq il-bejt tal-knisja ta' San Ġużepp meta kien jaħdem fiha fil-ħamsinijiet. Minn fuq il-bejt tal-knisja parrokkjali l-kampnar tas-Santwarju jidher tajjeb ferm fuq sfond tassew sabiħ. Il-kwadru tat-Tieġ illum jinsab fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Arti.

Biex iwettaq ix-xogħol li semmejt fuq, il-kappillan Diacono kien mgħejjun minn xi benefatturi mill-Qala fosthom Pacikk Mizzi, li aktar 'il quddiem ħallas l-ispejjes tal-kwadru titulari ta' San Ġużepp.

Kien f'din l-istess sena li l-istatwa tal-Kunċizzjoni waslet fir-raħal. Kif diġa semmejt kien żmien ta' taħbit għaliex dwarha ma kitbu xejn. Kienet tkun mitlufa għal kollox is-sena ta' meta waslet kieku Dun Franġisk ma ħalliex dettal żgħir dwarha.

**Fid-data tat-8 ta' diċembru 1887, fir-reġistru tal-kontijiet, fl-ispiża tal-festa semma trattament li sar lill-isqof Pietru Pace u lill-kleru tal-Qala u tan-Nadur wara t-tberik ta' l-istatwa.** Il-kleru tan-Nadur kien mistieden għall-okkażżjoni.

Din tat-trattament, ma kenitx ħlief tagħrifa żgħira, iżda ndikativa biżżejjed biex turi li l-istatwa waslet fir-raħal fl-1887 u ħallew it-tberik tagħha għal nhar il-festa biex wara joħorġuha għall-purċissjoni u hekk tiġi mżanżna b'mod aktar solenni.

**Statwa tassew artistika, xogħol ta' Marsilja mwettaq mid-ditta "Gelard" fejn inħadmu diversi statwi titulari Għawdxin,** fosthom dawk ta' San Ġużepp, ta' San Pietru Pawl u tal-Bambina tax-Xagħra.

**L-istatwa hi mmodellata fuq it-tila famuża ta' l-Immakolata tal-Murillo li tinsab fil-Mużew tal-Prado ta' Madrid fi Spanja.**

Bartilmew Esteban Murillo, artist Spanjol tas-seklu sbatax (1618-1682) hu wieħed mill-aqwa pitturi, mhux biss ta' żmienu, iżda taż-żmenijiet kollha. Ħadem ħafna fil-knejjes u fil-Kunventi tal-belt ta' Sivilja fejn twieled.

Waħda mit-tili famużi li pitter hi dik hekk magħrufa bl-isem taż-"Żewġ Trinitajiet" - It-Trinità tas-Sema u t-Trinità ta' l-art, jiġifieri s-Sagra Familja. Dan il-kwadru kbir illum qiegħed fin-National Gallery ta' Londra. Semmejtu għaliex min minna jarah, kif jilmaħ fih l-armonija tal-kuluri moħħu jmur dritt fil-kwadru titulari tagħna ta' San Ġużepp. Caħ ġibed ħafna mill-istil u mill-kuluri ta' Murillo. Wisq naħseb li l-ewwel bozzett li sawwar għall-kwadru titulari tagħna kien ispirat mill-pittura ta' dan l-artist Spanjol. Dan il-bożżett jinsab fil-mużew parrokkjali tagħna.

Kif kulħadd jaf, l-Immakolat Konċepiment mhux suġġett ħafif biex jiġi żviluppat fl-arti. Irid u ma jridx l-artist bil-fors ikollu jirrikorri għall-għajnuna tal-figura umana biex jesprimi l-ħsieb tiegħu,

Il-Baroċċi, per eżempju, fil-kwadru tas-Santwarju tagħna ħataf dak il-mument x'ħin il-Missier Etern, wara li keċċa lil Adam u lil Eva mill-ġnien tal-Eden, lemaħ lill-Mara li minnha kellu jitnissel l-Iben Tiegħu u raha kollha sabiħa, kollha safja mingħajr ebda ħtija.

Murillo, mhux b'inqas arti fisser il-ħsieb tiegħu xorta oħra. Lemaħ lill-Madonna fit-tnissil tagħha f'estasi ta' ħajr lejn Min ħalaqha tant li malli naraw din il-ħlieqa tiegħu inħossuha tgħanni:

"Magnificat anima mea Dominum". Is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar.

**Murillo pinġa diversi Kwadri ta' l-Immakolata. Jekk niftakar tajjeb rajt waħda fil-Mużew tal-Louvre ta' Pariġi. Fil-Prado ta' Madrid, għandu erba' tili tagħha b'ismijiet differenti:**
**Waħda semmiha "La Concepcion."**
**Oħra "La Concepcion de "El Escorial."**
**Oħra "La Concepcion de Aranjuez", u**
**Oħra "La Immaculada "de Soult".**

**Kien minn din l-aħħar pittura lid-ditta Gelard ta' Marsilja sawret għar-raħal tagħna statwa tassew ħelwa ta' l-Immakolata.**

**F'dan l-ewwel ċentinarju mill-miġja fostna ta' l-istatwa artistika u devota tal-Kunċizzjoni, ta' min jirrifletti daqsxejn fuq il-ħsibijiet nobbli tal-Murillo kull darba li bil-pinzell tiegħu esprima fuq it-tila l-imħabba li kellu lejn l-Immakolata.** Fl-erba' pitturi differenti tal-Kunċizzjoni li ġa' għedna li għandu fil-Museo de Prado, Murillo jurina l-Immakolata b'wiċċ ta' tfajla sabiħa, b'xaharha twil kannella skur, u bl-ilbies fin tagħha dejjem bl-istess żewġ kuluri: libsa bajda u mantar ikħal. Jidher dejjem il-qamar taħt riġlejha u għadd konsiderevoli ta' anġli żgħar madwarha. Il-posizzjoni tar-ras kemmxejn immejla, imma għajnejha dejjem iħarsu lejn s-Sema. Idejha msallbin fuq sidirha fi tlieta mill-pitturi. Jidhru kollha l-istess, imma hemm differenzi żgħar fil-qagħda tal-ġisem u fl-espressjoni tal-wiċċ. **L-Immakulata "de Soult", li fuqha ġiet modellata l-istatwa tal-Kunċizzjoni tagħna, kienet l-aktar waħda addattata għall-iskulturi tad-Ditta "Gelard" minħabba tarf il-mantell, li mhux imtajjar bħal tat-tlieta l-oħra. L-espressjoni ħelwa, żagħżugħa, safja u qaddisa ta' wiċċ l-Immakulata tiġbed il-qlub tad-devoti tagħha.**

Kif għedt, l-istatwa waslet il-Qala fis-sena 1887. Għal kważi ħamsin sena baqgħet kif kienet ġiet minn Franza. Imbagħad fis-sena 1926 żejnuha bil-libsa li għandha llum. L-indoratura saret Malta iżda x-xogħol ta' wiċċha u ta' jdejha wettqu Wistin Camilleri.

Aktar il-quddiem, Dun Salv Vella meta kien Rettur tas-Santwarju żejjinha b'dijadema tal-fidda u għamlilha l-bradella u l-bankun li għandha, xogħol tal-aħwa Mercieca.

Fl-1967, Dun Franġisk Camilleri li kien ħa f'idejh it-treġija tas-Santwarju wara Dun Salv għamlilha niċċa ġdida u vetrina artistika tal-kawba fuq dissin ta' Wistin Camilleri. In-niċċa iffitjawa fil-bieb tal-ġenb tal-knisja. Ix-xogħol tal-ġebla wettqu Toni Portelli li qagħad attent ferm biex iħalli l-bini l-qadim bla mittiefes. Il-vetrina ħadimha Ġużepp Mifsud, mastrudaxxa mill-Qala, dak l-istess li fl-1985 ħadem l-artal.

**Waqt il-festi kbar ta' l-inkoronazzjoni tal-kwadru tal-Baroċċi fl-1954, l-istatwa ta' l-Immakulata nġarret mis-Santwarju għall-knisja parrokkjali l-**



*La Concepcion*



*de El Escorial*



*de Aranjuez*



*de Soult*



*Il-Frontisizju tas-Santwarju tal-Kunċizzjoni, imbena mitt sena ilu mill-Kappillan Dun Ġużepp Diacono*

**Ġimgħa 6 ta' Awissu. Fil-purċissjoni aux flambeaux akkompanjata mill-banda, barra min-nies tal-Qala ħadet sehem ġemgħa kbira mill-gżira kollha.**

**Il-Ħadd ta' wara 8 ta' Awissu, 1954, saret biha purċissjoni pontifikali mmexxija minn Mons. Isqof G. Pace. Fiha ħadu sehem il-Kapitlu tal-Katidral mal-Kapitlu tat-tliet Kolleġġjati u l-parrokat ta' Għawdex ma' ħafna qassisin u patrijiet.**

Hekk għalqu f'Għawdex il-festi ta' l-ewwel ċentenarju tad-Domma ta' l-Immakolata.

Nagħlaq billi ngħid li dik is-sena stess għall-aħħar ta' Settembru l-istatwa tal-Kunċizzjoni ġiet meħuda fil-Knisja ta' Sant Antnin l-Imġarr fejn l-Patrijiet Franġiskani għamlu festi speċjali biex ifakkru l-istess ċentinarju.

Nixtieq inżid li wara l-festi tal-inkoronazzjoni diversi devoti minn Għawdex kollu, l-aktar mill-Qala u min-Nadur, offrew għotjiet ta' oġġetti tad-deheb lis-Santwarju. Niftakar ġiżirana li s-Sinjura Marija Buttigieg mill-Qala bagħtet miegħi stess għadha mdendla f'għonq l-istatwa. Għotja ta' żewġ brazzuletti sbieħ tad-deheb bagħtithom miegħi għall-istatwa is-Sinjura Pawla Cassar. omm Dun Mario, min-Nadur.

**Waqt li nammiraw u napprezzaw dan ix-xogħol artistiku Murillo/Gerard, ejjew nitolbu bil-qalb lil Marija Mmakolata f'din is-Sena Marjana, u għalina wkoll Ċentinarja, l-għajnuna u l-ħarsien kontinwu tagħha.**